TAL-PIETA`

# MINUTI

## It-tmien Legislatura - SEDUTA Nru. 51

It-Tnejn, 19 ta' Gunju, 2023

Il-Kunsill Lokali ta' Tal-Pieta` ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 11, Il-Pellikan, Triq K. Mifsud, Tal-Pieta`, fil-4.45p.m.

Is-Sindku Zoya Attard ippresidiet.

**PREZENTI**

Kienu prezenti is-Sindku Zoya Attard, il-Vici Sindku Anthony Camilleri u l-Kunsillieri Josef Fitzpatrick, Mark Pisani u Stefano Savo.

**TALBA**

Is-Sindku qalet it-talba.

## 1. MINUTI

*1.1* Il-minuti tas-Seduta Nru. 50 li saret nhar il-Hamis, 15 ta' Mejju, 2023, kienu approvati.

## 2. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

*2.1* Ma kienx hemm ittri ta' apologiji.

## 3 HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

*3.1* **CleanUp the World**
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li kienu ser isiru żewġ attivitajiet ghal din l-inizjattiva. Fit-18 ta' Settembru ser issir attività\` ta' tindif ta\` qiegh il-bahar fl-area tal-Vecchia Dogana flimkien ma' NGO. Fid-19 ta' Settembru ser issir l-attivita\` fuq l-art fejn ser jiġu mnaddfa xi zoni fil-lokal. Kien hemm qbil dwar dan.

*3.2* **Project Green**
Is-Sindku infurmat li l-Progett tal-Kunsill biex tigi rigenerata l-area tal-bandli kien gie approvat. Sadanittant kienu saru laqghat dwar dan kemm ma' IM kif ukoll ma' Project Green sabiex jiġu amalgamati żewġ proġetti fl-istess area. Il-progett ta' IM huwa li se jinghaqdu l-bicycle lanes li diġà hawn eżistenti u l-area tal-bandli hija wahda mill-areas fejn qed jiġi suggerit tibdil.

Il-Kunsillier Fitzpatrick qal li fil-laqgha ma' IM kien talab li t-triq tal-iskola St. Joseph tibqa' kif inhi llum sabiex ma jizdidux problemi ghar-residenti ta' Tal-Pieta\` biex jidhlu u johorgu mil-lokal. Il-Perit ta' IM qal li kienu ser jergghu jaraw din il-possibilta\`.

Is-Segretarju Ezekuttiv informa li waqt laqgha ohra li saret ma' Project Green, fejn issa kienu qed jinkorporaw ukoll il-Progett ta' IM, il-Kunsill intalab jirrevedi l-pjanti tal-playingfield sabiex dan jamalgama mal-progett li ghandha IM ghal din l-area. Dak suggerit ma kienx ta serhan tal-mohh, la ghal Kunsill u lanqas ghal Perit tal-Kunsill minhabba s-safety tat-tfal li jkunu fil-playingfield. Ghalhekk intalab żmien sabiex il-Perit tal-Kunsill jippreżenta pjanti u disinni ġodda li filwaqt li jghaqqdu z-zewg proġetti, jara wkoll is-safety tat-tfal li jkunu qed jużaw il-playingfield u li fl-istess hin ma jonqosx tant l-ispazju fejn it-tfal jilghabu.

Gie diskuss ukoll il-progett ta' IM fl-area tal-Marina hdejn il-club tal-bocci. Il-Kunsillier Fitzpatrick qal li filwaqt li jaqbel mal-kuncett preżentat, l-estensjoni mar-roundabout eżistenti biex tiġi bhala ġnien, tkun suċċess skond kemm se jghaddu karozzi minn hawn biex imorru lejn Tal-Pieta\` minn Triq Zammit Clapp. Il-Kunsillier Savo qal ukoll li dawn aktarx jiżdiedu minhabba li d-dahla mill-Imsida fejn kienet id-dar tal-anzjani ser tkun qed tinghalaq kompletament meta jitlesta il-progett tal-Imsida.

## 4 QUARTERLY FINANCIAL REPORT JAN-MAR 2023

*4.1* Tressaq quddiem il-Kunsill il Quarterly Financial Report għall-perjodu Jan-Mar 23. Wara li saret diskussjoni dwaru, is-Sindku, ssekondata mill-Viċi Sindku, pproponiet li dan id-dokument jiġi approvat. (Appendiċi A) Il-Kunsill approva unanimament dan ir-rapport.

## 5 KORRISPONDENZA

*5.1* Ma kienx hemm korrispondenza x'titressaq.

## 6 MISTOQSIJIET

*6.1* Il-Kunsillier Savo ġibed l-attenzjoni dwar il-ħaxix ħażin li hemm fil-gonna u li dan jista' jaqbad bis-shana jew jekk jintefa xi sigarett. Is-Sindku żiedet li tat-Torpedo Depot huwa urġenti li jinqata' Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien ser jgħid lill-kuntrattur tal-knis biex dan jinqata'

*6.2* Il-Kunsillier Savo gibed l-attenzjoni wkoll dwar xogħol ta' drenaġġ li kien sar fi Triq Santa Monika u li ma kienx għadu sar resurfacing tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien se jara ma' TM dwar dan.

*6.3* Il-Kunsillier Pisani ġibed l-attenzjoni għal xi skart li qed jintefa fil-parapett ta' ħanut magħluq fi Triq San Luqa k/m Triq San Guzepp. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan huwa post privat, imma kien se jara x'jista' jsir.

## 7 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

*7.1* Is-Sindku infurmat li l-proġett mill-GHRC madwar ix-Xatt kien beda. Il-Kunsillier Savo saqsa jekk kienx ser jinqalgħu xi siġar. Is-Sindku wieġbet li waqt il-laqgħa mal-GHRC dwar dan il-proġett gie kkonfermat li mhux ser tinqala' l-ebda siġra. Dan ikkonfermah is-Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsillier Savo qal li jkun tajjeb jekk din tingħata lill-Kunsill bil-miktub.

## 8 APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS*

*8.1* Is-Sindku ssekondata mill-Viċi Sindku, ressqet mozzjoni sabiex jiġi approvat il-ħlas tal-pagamenti li huma mniżżla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 47. Il-mozzjoni għaddiet *nem.con.*

## 9. TMIEM

***9.1*** Fis-6.00pm intemmet is-Seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tnejn, 17 ta' Lulju, 2023, fil-4.45pm.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Zoya Attard
Sindku